**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Falcon Limited

*versus*

Carmelo Ciappara

## Kambjali - Nullità ta' - Nullità Minħabba Nuqqas ta' Firma tat-Traent - Artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ

*Appell minn kawża fejn bil-proċedura sommarja ġiet deċiża kawża a bazi ta' azzjoni kambjarja.*

*Għalkemm il-kambjali kellha tkun f'kull stadju għad-disposizzjoni tal-Qorti, il-Qorti aċċettat is-sottomissjoni ta' l-appellat illi sakemm jitħallas ma kienx obbligat li jirrilaxxja l-kambjali.*

*Il-Qorti ta' l-Appell qieset is-sottomissjoni illi l-kambjala ma kellhiex firma tat-traent u rrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti izda ordnat illi minflok li l-atti jiġu rimessi lura lill-Ewwel Qorti, il-*

*kawża titkompla quddiem il-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Qorti:-

Fit-12 ta' Jannar, 1996, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawża tentata bil-proċedura speċjali hekk imsejħa tal-giljottina:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha s-soċjetà attriċi ppremettiet:

"Illi l-konvenut huwa veru ċert u likwidu debitur ta' l-attur fis-somma ta' elf, tmien mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija (Lm1,855.00,0) import ta' kambjala li skadiet fl-24 ta' Novembru, 1994 (dokument A);

Illi għalkemm interpellat biex iħallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi fil-fehma ta' l-attur, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet xi jġib għat-talbiet attriċi skond l-anness affidavit (dokument B) ippreżentat *ai termini* ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet li din il-Qorti jogħġobha:

Tiddeċidi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tiddikjara lill-konvenut veru, ċert u likwidu debitur ta' l-attur fis-somma ta' elf, tmien mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija

(Lm1,855.00,0) import ta' kambjala li skadiet fl-24 ta' Novembru, 1994;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mill-24 ta' Novembru, 1994, kontra l-konvenut";

Rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti l-oħra;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat u li t-talba tiegħu magħmula fl-udjenza tal-lum biex jopponi t-talba, ġiet miċħuda;

Peress li fiċ-ċirkostanzi t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, skond il-proċedura ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi, kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-imgħax mitlub u bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Din il-Qorti ser tqis l-aggravji ta' l-appellant fl-ordni minnu mogħtija;

L-appellant jilmenta qabel xejn illi l-kawża hija waħda bbażata fuq kambjala u għalhekk kien hemm regoli stabbiliti f'materja ta' din ix-xorta. L-ewwel rekwiżit huwa illi kellha tiġi esebita l-kambjala nfisha billi din kienet tikkostitwixxi l-aħjar prova. F'din il-kawża l-attur ma ppreżentax il-kambjala imma biss kopja fotostatika u għalhekk seta' jingħad li naqas li jressaq

l-aħjar prova. Jissottometti illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi għas-sentenza meta ma ġietx ippreżentata quddiemha l-oriġinali tal-kambjala. Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni l-atti tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u minn imkien ma jirriżultalha li kien hemm da parti ta' l-appellanti xi kontestazzjoni bħal dik issollevata f'dan l-appell. Fl-ebda mument ma kien hemm talba da parti ta' l-appellant biex jiġi prodott l-oriġinal tal-kambjala u lanqas kien hemm xi kontestazzjoni dwar l-awtentiċità tal-kopja tagħha esebita ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Din il-Qorti tifhem illi:

L-oriġinal tal-kambjala għalkemm kellha tkun disponibbli għall-Qorti biex tiġi vverifikata mhux neċessarjament tkun esebita bħala dokument flimkien ma' l-att taċ-ċitazzjoni. Dan għaliex kif inhu risaput hi l-kambjala nfisha illi tirrappreżenta t-titolu ta' l-ammont tal-kreditu li kienet turi u wieħed jifhem ir-riluttanza tal-kreditur li ma jirrilaxxjax minn taħt idejh u mis-sigurtà tiegħu personali dan it-titolu jekk mhux kontra l-pagament tiegħu da parti tad-debitur;

Din il-Qorti tqis illi dak li hu essenzjali hu illi l-oriġinal tal-kambjala kellu jkun dejjem a disposizzjoni tal-Qorti biex f'każ ta' kontestazzjoni jkunu jistgħu jsiru d-debiti verifiki u kontrolli;

Dan l-aggravju hu għalhekk insostenibbli. Il-Qorti taċċetta s-sottomissjoni tas-soċjetà appellata illi hi ma kellhiex l-obbligu li tirrilaxxja l-oriġinal tal-kambjala qabel ma tirċevi l-ħlas tas-somma ndikata fiha. Anke jekk il-fatt illi l-oriġinal tal-kambjala jiġi esebit ma' l-att taċ-ċitazzjoni ma jimplikax ir-rilaxx tagħha favur id-debitur imma biss id-depożitu tagħha taħt l-awtorità tal-Qorti pendenti d-deċiżjoni tal-vertenza;

It-tieni aggravju tal-konvenut appellant hu li anke jekk kellu jiġi aċċettat li l-kopja fotostatika tal-kambjala kienet valida (dubbju dan li qed jinħoloq minnu issa fl-istadju ta' l-appell) jidher biċ-ċar li l-kambjala ma kinitx iffirmata minn min kien ġibidha u għalhekk kien hemm lok ta' nullità fil-forma tal-kambjala skond l-artikolu 123 tal-Kap. 13. Jissottometti illi una volta l-kambjala kienet waħda nulla, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiddeċidi din il-kawża fuq it-talbiet kif imressqa billi l-ħlas tal-kambjala nulla huwa inammissibbli. Din il-Qorti eżaminat dan l-aggravju u ssib li huwa ġustifikat;

Ma jirriżultax li huwa llum ikkontestat illi l-kambjala taħt eżami kienet nieqsa mill-firma tat-traent u dan mhux biss jidher mid-dokument innifsu esebit imma ukoll mid-dikjarazzjoni f'dan is-sens li saret fir-risposta ta' l-appell mis-soċjetà appellata. Sewwa jingħad illi l-konvenut din l-eċċezzjoni kien issollevaha quddiem l-Ewwel Qorti meta mitlub jindika x'kienu l-eċċezzjonijiet li xtaq iressaq biex jikkontesta t-talba attriċi f'ċitazzjoni magħmulha bil-proċedura speċjali tal-giljottina. Dan kif ġie rreġistrat fil-verbal tat-12 ta' Jannar, 1996;

Ma hemm l-ebda dubbju fil-liġi dwar in-nullità tal-kambjala esebita. Infatti, l-artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi li:

"Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha";

Dwar il-ħtieġa tal-firma ta' traent meta tinħareġ kambjala l-ġurisprudenza hi kostanti:

"Kambjala li ma tkunx iffirmata mit-traent ma tistax tiġi kkunsidrata bħala kambjali" (Vol. XXIX.III.201);

"Kambjala tista' tkun miġbuda fuq dak stess li jammettiha u tista' tkun emessa għall-ordni tat-traent stess. Jekk però l-kambjali ma jkunx fiha l-firma tat-traent tkun nulla" (Vol. XXXIX.III.39);

"Il-liġi ma tistax tikkontempla każ ta' kambjali jekk ma jintervenux almenu żewġ persuni sabiex jiffirmawha ... Kambjala illi ma tkunx iffirmata mit-traent mhix titolu negozzjabbli u trasferibbli bil-ġirata" (Vol. XLVIII.II.1206);

"Issa skond l-artikolu 123 tal-Kap. 13 kull kambjala għandu jkun fiha l-elementi formali hemm elenkati u finalment "għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha" u għalhekk l-azzjoni kambjarja eżerċitata mis-soċjetà attriċi ma tistax issir billi d-dokumenti bħala kambjalijiet ġurdikament ma jikkwalifikawx bħala tali u għalhekk ma hemmx l-azzjoni";

L-Ewwel Qorti kienet għalhekk rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn l-azzjoni kambjarja kienet waħda bbażata fuq dokument li effettivament kien null, ma kienx jikkwalifika bħala kambjala u konsegwentement ma setax jiġi mogħti bil-forza esekuttiva li jintitola lill-kreditur li jesiġi l-pagament sempliċement u unikament bis-saħħa tiegħu. Minn din il-konsiderazzjoni biss toħroġ waħedha l-konsegwenza illi ma kienx ġuridikament korrett għall-Ewwel Qorti li tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u ċjoè kif ibbażata unikament fuq il-kawżali tan-non pagament ta' kambjala li jirriżulta li kienet nulla;

Issa, hu veru li l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati hi kostanti fis-sens illi fil-każ fejn il-kambjala tirriżulta li tkun

formalment nulla din setgħet tiġi sostnuta bħala obbligazzjoni sempliċi. Naturalment, wara li l-Qorti tivverifika x'kienet l-obbligazzjoni li tkun tat lok għall-emissjoni tagħha;

"Dan id-dokument (kambjala mhux iffirmata mit-traent) però jgħodd bħala obbligazzjoni sempliċi ċivili jew kummerċjali skond in-natura tal-kreditu" (Vol. XXIX.III.201);

"*La cambiala non firmata dal traente non è un titolo negoziabile e trasferibile per girata ma è valida come una obbligazione civile o commerciale secondo la natura del credito*" (**Dr. Mifsud *vs* Giacomotto**, deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 1912);

"Illi però ġie deċiż kemm-il darba mill-Qrati tagħna illi l-obbligazzjoni kkontenuta f'kambjala li hija nulla tista' tiġi sostenuta bħala obbligazzjoni sempliċi. Hekk ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Galea *vs* Delicata**, fl-10 ta' Jannar, 1866, fil-kawża **Gambin *vs* Garofalo**, fl-24 ta' Marzu, 1877, fil-kawża **Parnis *vs* Rutter**, deċiża fl-Appell fil-15 ta' Ottubru, 1926, u fil-kawża **Pollacco *vs* Diacono**, deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru, 1900, barra minn diversi oħrajn" (Vol. XXIX.III.39);

Għandu però jingħad illi biex kambjala li hi nulla tkun tista' tiġi sostnuta bħala obbligazzjoni sempliċi f'azzjoni tentata bħala waħda kambjarja l-Qorti trid tindaga dwar in-natura ta' tali obbligazzjoni u jeħtieġ li l-istess obbligazzjoni tkun b'xi mod jew ieħor direttament jew indirettament jirriżulta mill-att taċ-ċitazzjoni kif redatt. Altrimenti l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi salvata bħala talba għall-kundanna tal-ħlas ta' ammont ibbażata fuq titolu divers minn dik kambjarja. F'sitwazzjoni fejn dan it-titolu alternattiv għall-kawżali ma jkunx jirriżulta mill-atti taċ-ċitazzjoni tkun tapplika l-konsiderazzjoni magħmula minn din

il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Attard *nomine* vs Adrian Busietta *nomine***, ġà ċċitata illi "lanqas ma huwa possibbli li l-kawża titkompla mod ieħor għaliex ċitazzjoni ma tikkontjeni ebda kawżali oħra ħlief dik tan-non pagament tal-kambjala";

Issa l-Qorti eżaminat b'attenzjoni kemm l-att taċ-ċitazzjoni kif ukoll id-dikjarazzjoni ġġuramentata magħha annessa u l-affidavit ta' l-attur li jakkumpanja l-att taċ-ċitazzjoni kif dispost fil-liġi fir-rigward tal-proċedura speċjali sommarja li biha aġixxa l-attur *nomine*. F'dawn id-dokumenti mkien ma hemm l-iċken indikazzjoni tan-negozju li seħħ bejn il-kontendenti u li minnu oriġinat il-kambjala emessa mis-soċjetà attriċi li qed tobbliga lill-konvenut biex iħallas. Imkien ma jirriżulta taħt liema titolu dan il-bilanċ kien qed jiġi pretiż mis-soċjetà attriċi apparti mill-import tal-kambjala infisha. L-azzjoni attriċi hi bbażata fuq kawżali unika, dik ċjoè tan-non-pagament da parti tal-konvenut tal-kambjala li tagħha qed jintalab il-ħlas fid-data meta din skadiet. Ma jidhirx allura li hemm mezz kif l-azzjoni tista' tiġi salvata. Is-sentenza appellata ma jidhirx allura li hi konformi mal-liġi;

Din il-Qorti jidhrilha illi għandha f'dan il-każ tipproċedi skond kif awtorizzata tagħmel fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 233 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif issa emendat. Dan jipprovdi li fi grad ta' appell il-Qorti għandha fil-każ ta' sentenza mogħtija taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-artikolu 170, jew terġa' tibgħat il-proċess lura fil-Qorti ta' l-ewwel grad jew tiddeċidi dwar il-meritu tal-każ skond iċ-ċirkostanzi. L-artikolu 170 hu naturalment dak li jipprovdi għas-smigħ tal-kawża bil-proċedura sommarja bħal dik taħt eżami;

Din il-Qorti jidhrilha li ċ-ċirkostanzi f'dan il-każ huma tali li ma jirrekjedux li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti għall-

verifika u deċiżjoni wara li tiġi annullata s-sentenza tagħha f'din il-proċedura appellata għall-benefiċċju tad-doppju eżami. Jiħrilha invece illi l-każ għandu jitqies bħala wieħed li ma kellux jippreżenta diffikultà ta' interpretazzjoni ta' fatt jew ta' dritt u li d-deċiżjoni dwaru, stabbiliti ċ-ċirkostanzi fuq spjegati, toħroġ naturalment u inekwivokabbilment mill-atti nfushom. Hu l-każ allura li din il-Qorti tiddeċidi l-kawża hi finalment;

Fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż din il-Qorti hi tal-fehma illi dawk quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu bla taxxa anke in vista tal-mod kif xeħed il-konvenut meta msejjaħ mill-Qorti biex jiddisponi fuq l-awtentiċità tal-kambjala u l-firma tiegħu. Min-naħa l-oħra l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellata. Għandhom ukoll jibqgħu riservati favur is-soċjetà appellata, kull dritt ta' azzjoni oħra lilha kompetenti kontra l-appellant u naxxenti mill-istess relazzjoni ġuridika li tat lok għall-emissjoni tal-kambjala li b'din is-sentenza qed tiġi ddikjarata nulla;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata waqt li tirriserva lis-soċjetà attriċi d-dritt ta' azzjoni oħra lilha kompetenti skond il-liġi kif fuq spjegat, bl-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti waqt li dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a kariku tas-soċjetà attriċi appellata.